# L-Arluġġar
## *Mikelanġ Sapiano*



Mikielanġ, iben Baskal Sapiano u Teresa mwielda Agius, twieled fil-parroċċa tal-Imqabba nhar id-19 ta' Marzu 1826 u ngħata l-ismijiet ta' Mikiel-Anġ, Ġużepp, Stiefnu u Luqa. Sapiano ftit li xejn tgħallem skola, u l-ġenju tiegħu joħroġ aktar għaliex ma kellux ċans jitgħallem, jislet jew jikkopja minn kotba. Fil-qasam tas-snajja' tiegħu kien ġenju kbir bil-provi u dan urieh ta fil-kapulavuri li ħadem u ħoloq f'bosta ħwejjeġ mekkaniċi.

Minkejja li beda l-karriera tiegħu bħala mastrudaxxa, fl-istess żmien indiehes mal-arluġġar Kalċidon Pisani u beda jitgħallem is-snajja'. Wara ssokta jitħarreġ ma' Ġananton Tanti mill-Marsa fl-istudju tal-kejl tal-ħin u l-kostruzzjoni u l-mekkaniżmu tal-arloġġ. Ġara li Mikielanġ beda ta' spiss jitla' lejn ir-raħal ta' Ħal Luqa biex jipprattika s-sengħa tiegħu jsewwi xi arloġġi u fetaħ ħanut. Aktar tard fl-1847 iżżewweġ lil Mikelina Mifsud minn dan ir-raħal u baqa' jgħix hemm. Mikielanġ ma tantx kellu xorti fiż-żwieġ għaliex ftit tas-snin wara romol biex fl-1857 iżżewweġ għat-tieni darba.

Il-kittieb u awtur tar-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika*, Juan Mamo li twieled Ħal Luqa fl-1886 kiteb li fi tfulitu kien jogħxa jixref lil Mikielanġ minn wara l-ħġieġ tat-tieqa ta' fejn kien jaħdem fi Triq Brittanica. Kien żmien diffiċli meta l-ħaddiem fil-gżejjer Maltin ma kellux il-kumditajiet li mdorrija bihom illum. It-tbatija kienet kbira u l-għodod għax-xogħol imqabbla ma' dawk tal-lum jitqiesu bħala primittivi. Għalhekk insibu lil Mikielanġ Sapiano jfassal u jaħdem għodod biex bihom jaħdem, iħaffef ix-xogħol u fuq kollox iwettqu b'aktar preċiżjoni.

Mamo jsemmi kif Mikielanġ Sapiano, xi erbgħin sena qabel ma ħaddieħor ħolom bir-rota, jiġifieri l-*bicycle* jew il-*velocipied* kien diġa ħadem waħda biex imur minn raħal għall-ieħor biha minflok b'xi bhima jew inkella bir-riġel. Ir-rota ta' Mikielanġ kellha żewġ roti fuq wara u rota kbira quddiem, li jiġbdu ma' xulxin bil-lastiku hu u jaqdef. Mamo stess jgħid li dan wassal lin-nies biex ilaqqmu lil dan il-ġenju bl-espressjoni: *Ara ġej tal-lastiku!*

Għalkemm Mikielanġ kien ilu jċekċek f'dan il-mistier li jsewwi l-arloġġi f'daqsxejn ta' ħanut sa minn mindu kellu erbatax-il sena, ħa l-fama meta beda jsewwi xi arloġġi tal-knejjes u l-aktar hekk kif irnexxilu jsewwi l-arloġġ tal-knisja tal-Imqabba. L-arloġġ li tqiegħed fil-kampnar tal-parroċċa tal-Imqabba fl-1758 maħdum minn Anton Tanti ta' Ħal Tarxien, wara 108 snin kellu bżonn dawra sew, u nistgħu ngħidu li Sapiano mhux biss sewwieh iżda biddillu ħafna partijiet tant li kważi għamlu ġdid.

Huwa ħadem diversi xogħlijiet għall-gvern kif ukoll arloġġi li jaħdmu eżatt u jżommu l-ħin bil-molla, iżda wkoll b'żewġ mażżri jew tlieta, barra milli jdoqqu s-sigħat u l-kwarti b'imrietel ta' kull daqs; kif ukoll juru x-xahar u l-jum tas-sena. Ħidma tal-għaġeb tiegħu kienet l-arloġġ kwadrant, jiġifieri li juri erba' faċċati, u jaqbeż il-jum waħdu meta x-xahar ma jkunx ta' 31ġurnata. Jingħad li Mikielanġ ħadem arloġġi ta' din ix-xorta fuq ordnijiet li waslulu minn barra minn Malta. Is-sengħa tiegħu spikkat ukoll fix-xogħol, l-irqaqat dettaljati u invenzjonijiet ta' arloġġi żgħar, *grandfather clocks*, imwieżen, stasiji u arloġġi tal-idejn.

Fl-1860, Sapiano ħadem l-arloġġ tal-knisja tal-Gudja u sena wara dak tal-knisja ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop. Fl-1894 rebaħ il-midalja tal-fidda f'wirja tal-Industrija Maltija, imtellgħa mix-Xirka tal-Arti, Manifattura, Industrija u Kummerċ, waqt li fl-1908 irċieva ċertifikat u midalja tad-deheb. Fl-1872 ħadem wieħed għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard, sena wara laħħaq wieħed b'erba' kwadranti għall- Kalkara li sfortunatament tkisser

fl-aħħar gwerra, u ieħor għall-knisja tal-Marsa filwaqt li sal-1875 ħadem tlieta oħra li ġew armati fi Stella Maris Tas-Sliema, għall-knisja parrokkjali tal-Mellieħa u ieħor għall-knisja tagħna tax-Xewkija. Ix-xogħol tant intgħoġob li sentejn wara ħadem żewġ arloġġi oħra; wieħed għan-Nadur u ieħor għal Sannat. Ħadem ukoll l-arloġġ għaċ-ċimiterju tal-Addolorata. Fis-snin ta' wara ħadem bosta arloġġi oħrajn, fosthom fl-1878 għall-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u San Pawl f'Birkirkara; dawk ta' Ħal Luqa u Ħaż-Żebbuġ fl-1881; fl-1885 arloġġ uniku għall-knisja tax-Xagħra; tar-Rotunda tal-Mosta fl-1889, ta' Bormla fl-1893 u għall-knisja ta' San Nikola għas-Siġġiewi fl-1894. Fl-istess sena Mikielanġ għamel xi tiswijiet u tibdil fuq l-arloġġ fil-Palazz tal-President il-Belt, fejn dak iż-żmien kien jgħammar fih il-Gvernatur. B'hekk, l-arluġġar Sapiano biddillu l-funzjoni regolatorja tiegħu billi ma baqax idoqq it-tokki f'ħin l-irqad bejn it-tmienja ta' filgħaxija u t-tmienja ta' filgħodu.

Iżda Mikielanġ kien ukoll il-moħħ u l-ħaddiem bieżel biex ħadem kapulavuri kbar fis-sengħa tal-mekkaniżmu li ħaddem. Wieħed minn dawn huwa l-arloġġ fil-knisja ta' Santa Katarina f'Lixandra, l-Eġittu fejn bl-istess mekkaniżmu ħaddem arloġġ ieħor fis-sagristija, tnejn u għoxrin metru bogħod minn xulxin. B'hekk il-kleru kellu l-opportunità li jmexxi l-funzjonijiet u l-ħinijiet tal-quddies eżatt mal-arloġġ tal-knisja!

Xogħol ieħor kbir ta' Sapiano kien il-miżien tad-Dwana ta' Malta li jiżen kemm toqol kbir kif ukoll piż ċkejken daqs żewġ qamħiet. Interessanti f'dan il-każ hu li ddisinn għal dan il-miżien sar mill-Konslu tad-deheb, is-sur Naudi, li mbagħad ġie mgħoddi lill-Professur Napuljun Tagliaferro, li dik il-ħabta kien jgħallem il-mekkanika fil-Liċeo. U wara li d-disinn ġie studjat mill-kap tad-Dwana, is-sur Inglott, intbagħat lil Sir Penrose Julian biex jinħadem fl-Ingilterra. Xi Żmien wara, id-disinn ġie lura Malta għaliex ma nstabx bniedem mekkaniku lest biex jieħu r-riskju li jaħdem miżien għal toqol kbir u fl-istess waqt ikun preċiż daqs li kieku qed jiżen id-deheb! Hawn, il-Professur Tagliaferro ftakar f'mastru Mikielanġ u ta parir lis-sur Inglott biex javviċina lil dan il-bniedem. Sitt xhur wara, il-miżien kien lest, u Sapiano stqarr li ħadlu daqstant żmien għaliex kien jinħtieġlu jaħdem u jivvinta anke għodod biex jaħdmu! Ġara li xi sentejn wara, Sir Julian wasal Malta bħala Kummissarju tar-Reġina Vittorja u hekk kellu x-xorti jara u jifli l-kapulavur ta' Mikielanġ Sapiano.

Dan kollu, Mikielanġ Sapiano għamlu b'umilta u dedikazzjoni kbira, għaliex flok ma tkabbar u ffanfra b'xogħlu, mingħajr ma ndiehes ma' kbarat u libes it-tomna u s-surtun jew ċekċek il-midalji fuq sidru, dejjem issokta jaħdem u jesperimenta fil-ħanut tiegħu. Fuq kollox kien bniedem tar-ruħ u b'kuxjenza, tant li għal xogħlijiet bħal dawn li semmejna kien jitħallas bi tmintax irbiegħi (12c5 kuljum). B'danakollu ma nistgħux inqisu li ħajtu kienet kollha ward u żahar, għaliex spiss lil Mikielanġ bosta nies ma kinux jifhmuh u jgħodduh bħala bniedem stramb.

Xogħol ieħor interessanti kienet sodda partikulari tal-irqad taħdem b'mekkaniżmu , li fil-ħin preċiż li tkun trid tqum, dak il-waqt minn mimdud issib ruħek bil-wieqfa.

Frott din il-ħidma sfiqa, Mikielanġ Sapiano, li miet nhar it-2 ta' Diċembru 1912, baqa' magħruf bħala l-*ġenju mekkaniku* ta' Malta.

Kienet diżgrazzja kbira meta l-lok fejn kien jgħix Sapiano ġewwa Ħal Luqa ġġarraf fit-tieni gwerra dinjija. Hi ħasra li meta tnaddaf it-tifrik, intilfu għadd kbir ta' disinji, ħżuż u għodod li kien fassal u ħadem Sapiano biex iwettaq ix-xogħol delikat tas-sengħa tiegħu.

